SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville

## Laqgħa Nru. 20/KA2/16

Data: 15 ta' Ġunju 2016

Ħin: 5.00p.m.

Post: L-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan

---

Preżenti: Albert Bonello Ghio - Ċermen
Michael La Rosa - Viċi Ċermen
Joseph Oliva - Membru
Maria Dolores Falzon - Membru

Guido Dalli - Sindku
Paul Spiteri - Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Cassar – Skrivana
Mark Scerri Simiana – Awtorita' tat-Turiżmu

Skużati: (0)

Assenti: Richard Scicluna - Membru

---

### AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni miċ-Ċermen;
4. Korrispondenza;
5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Aġġornament.

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Minuti – *20/KA2/16***

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

1.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 19/KA2/16 għall-approvazzjoni.

1.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon ssekondatu.

1.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Punti mqajma mill-Minuti**

2.01 Ma kienx hemm punti mqajma mill-Minuti.

**3 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

3.01 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kumitat bl-eżitu tal-laqgħa li saret mas-Sur Ramon Deguara, mill-Cleansing Services Directorate.

3.02 Is-Sur Mark Scerri Simiana nforma lill-membri tal-Kumitat dwar it-tmien *cameras* ta' sigurta li hemm f'Paceville.

3.03 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa wasal fil-5.10p.m.

3.04 Is-Sur Mark Scerri Simiana ser isejjaħ laqgħa dwar l-*cameras* f'Paceville.

3.05 Ġie deċiż unanimament li tiżdied *camera* fi Triq Ball peress li qed jintrema ħafna skart.

3.06 Wara diskussjoni qasira dwar il-problema tal-iskart f'Paceville, ġie deċiż unanimament li tinġibed l-attenzjoni tas-Sur Ramon Deguara, Cleansing Services Directorate, li t-tindif ta' Paceville mhux qed isir fit-toroq kollha.

3.07 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lis-sidien tal-istabbilimenti li għandhom skips barra sabiex dawn jitneħħew. Il-membri tal-Kumitat għandhom jgħaddu l-informazzjoni ta' dawn l-istabbilimenti lill-Amministrazzjoni tal-Kunsill.

3.08 Inġibdet l-attenzjoni tas-Sur Scerri Simiana dwar l-istabbilimenti li qed joħorġu l-imwejjed u s-siġġijiet iktar milli jippermettu l-permessi tagħhom. Dan minħabba li qed ikunu ta' nkonvenjent kbir għall-pubbliku.

3.09 Ġie deċiż unanimament li s-Sur Scerri Simiana ser jiċċekja dwar min hu nkarigat mill-*enforcement* f'dak il-qasam.

3.10 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kumitat li l-Kunsill ser joġġezzjona mal-MEPA dwar permessi li ntalbu lill-MEPA sabiex jitpoġġa kiosk fi Triq Ross kantuniera ma' Triq San Ġorġ. Il-Kumitat Amministrattiv qabel unanimament mal-Kunsill dwar l-oġġezzjoni.

3.11 Is-Sur Mark Scerri Siminana nforma lill-Membri li l-Kumitat jew il-Kunsill Lokali San Ġiljan għandhu jikkunsidra t-talba li jieħu l-*pedestrian area* ta' Paceville f'idejh.

3.12 Ġie deċiż unanimament li tintalab laqgħa ma' l-Onorevoli Stefan Bountempo dwar Paceville.

**4 Korrispondenza**

4.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| P127 | Ittra mingħand il-Fimbank fir-rigward Triq Elija Zammit. |
| P194 | Email mingħand is-Sur John Tanti fir-rigward installazzjoni ta' *st-pillars* fi Triq Ball. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. P127**

4.02 Saret riferenza għal-ittra mingħand il-Fimbank fir-rigward Triq Elija Zammit. Ġie deċiż li unanimament li jiġu nfurmati li preżentament diġa' hemm *camera* f'dik l-area filwaqt li ttiehdet azzjoni fejn possibbli.

**Rif. Nru. P127**

4.03 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur John Tanti fir-rigward installazzjoni ta' *st-pillars* fi Triq Ball. Ġie deċiż unanimament li ssir talba għand il-*Public Works* sabiex tkun ikkunsidrata li jsiru .

## 5 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. 411 sa nru. 423 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A')

5.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

5.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon ssekondatu.

5.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 6 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi 'B').

6.02 Il-Viċi-Ċermen Michael La Rosa ssekondah.

6.03 Il-Membru Joe Oliva u l-Membru Maria Dolores Falzon astjenew minħabba li ma jridux jieħdu responsabilita' fuq il-pagamenti u minħabba li għandhom d-dubju fuq il-kwalita' tax-xogħol.

6.04 Il-pagamenti ġew approvati.

## 7. Aġġornament

7.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 19 ta' Lulju 2016 fl-4.00p.m.

7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15p.m.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

Data: **19 ta' Lulju 2016**